II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 120/2011

tal-11 ta' Frar 2011

li jiffissa l-prezzijiet ta' referenza għal ċerti prodotti tas-sajd għas-sena tas-sajd 2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 jipprovdi li l-prezzijiet ta' referenza validi għall-Unjoni jistgħu jiġu ffissati kull sena, skont il-kategorija tal-prodotti, għal prodotti li huma s-suġġett ta' sospensjoni tariffarja skont l-Artikolu 28(1). L-istess igħodd għal prodotti li, billi jkunu jew suġġetti għal tnaqqis tariffarju li jorbot skont id-WTO jew suġġetti għal xi arranġamenti preferenzjali oħra, għandhom jikkonformaw ma' prezz ta' referenza.

(2) Skont l-Artikolu 29(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' referenza għall-prodotti elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness I għal dak ir-Regolament għandu jkun l-istess bħall-prezz tal-irtirar, stabbilit skont l-Artikolu 20(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-prezzijiet tal-irtirar tal-Unjoni għall-prodotti kkonċernati huma ffissati għas-sena tas-sajd 2011 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 122/2011 [2]

(4) Skont l-Artikolu 29(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' referenza għall-prodotti, minbarra għal dawk elenkati fl-Annessi I u II għal dak ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit b'mod partikolari fuq il-bażi tal-medja ppeżata tal-valuri tad-dwana rreġistrati fis-swieq tal-importazzjoni jew fil-portijiet tal-importazzjoni fit-tliet snin li jkunu eżatt qabel id-data li fiha jiġi ffissat il-prezz ta' referenza.

(5) M'hemmx bżonn jiġu ffissati l-prezzijiet ta' referenza għal dawk il-prodotti koperti mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 li jiġu importati minn pajjiżi terzi fi kwantitajiet insinifikanti.

(6) Sabiex tkun possibbli applikazzjoni mgħaġġla tal-prezzijiet ta' referenza fis-sena 2011, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal *Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet ta' referenza għas-sena tas-sajd 2011 għall-prodotti tas-sajd, kif imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.
[2] Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

1. **Il-prezzijiet ta' referenza għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 29(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000**

Speċi	Id-daqs [1]	Il-prezz ta' referenza (f'EUR għal kull tunnellata metrika)			
		Imsewwi bir-ras [1]		Ħut shiħ [1]	
		Il-kodiċi addizzjonali tat-Taric	Żejjed, A [1]	Il-kodiċi addizzjonali tat-Taric	Żejjed, A [1]
Aringa tal-ispeċi *Clupea harengus* ex 0302 40 00	1		—	F011	129
	2		—	F012	197
	3		—	F013	186
	4a		—	F016	118
	4b		—	F017	118
	4c		—	F018	247
	5		—	F015	219
	6		—	F019	110
	7a		—	F025	110
	7b		—	F026	99
	8		—	F027	82
Redfish (*Sebastes* spp.) ex 0302 69 31 u ex 0302 69 33	1		—	F067	982
	2		—	F068	982
	3		—	F069	824
Merluzz tal-ispeċi *Gadus morhua* ex 0302 50 10	1	F073	1 144	F083	826
	2	F074	1 144	F084	826
	3	F075	1 081	F085	636
	4	F076	858	F086	477
	5	F077	604	F087	350
		Ħut mgħolli fl-ilma		Ħut frisk jew imkessaħ	
		Il-kodiċi addizzjonali tat-Taric	Żejjed, A [1]	Il-kodiċi addizzjonali tat-Taric	Żejjed, A [1]
Gambli tal-ilma fond *(Pandalus borealis)* ex 0306 23 10	1	F317	5 134	F321	1 098
	2	F318	1 800	—	—

[1] Il-kategoriji tal-freskezza, tad-daqs u tal-preżentazzjoni huma dawk stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

2. **Il-prezzijiet ta' referenza għall-prodotti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 29(3)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000**

Prodott	Il-kodiċi addizzjonali tat-Taric	Preżentazzjoni	Il-prezz ta' referenza (f'EUR għal kull tunnellata metrika)
1. Redfish (*Sebastes* spp.)			
		Sħiħ:	
ex 0303 79 35 ex 0303 79 37	F411	— bir-ras jew mingħajrha	969
		Fi fletti:	
ex 0304 29 35 ex 0304 29 39	F412	— bix-xewk ("standard")	1 952
	F413	— bla xewk	2 094
	F414	— fi blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	2 239
2. Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac* u *Gadus macrocephalus*) u ħut tal-ispeċi *Boregadus saida*			
ex 0303 52 10, ex 0303 52 30, ex 0303 52 90, ex 0303 79 41	F416	Sħiħ, bir-ras jew mingħajrha	1 095
		Fi fletti:	
ex 0304 29 29	F417	— fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard")	2 451
	F418	— fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk	2 663
	F419	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda	2 499
	F420	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda	2 972
	F421	— fi blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	2 990
ex 0304 99 33	F422	F'biċċiet u laħam ieħor, minbarra blokok ikkapuljati	1 448
3. Pollakkju (saithe) (*Pollachius virens*)			
		Fi fletti:	
ex 0304 29 31	F424	— fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard")	1 564
	F425	— fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk	1 688
	F426	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda	1 476
	F427	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda	1 663
	F428	— fi blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	1 840
ex 0304 99 41	F429	F'biċċiet u laħam ieħor, minbarra blokok ikkapuljati	966

Prodott	Il-kodiċi addizzjonali tat-Taric	Preżentazzjoni	Il-prezz ta' referenza (f'EUR għal kull tunnellata metrika)
4. Haddock *(Melanogrammus aeglefinus)*			
ex 0304 29 33		Fi fletti:	
	F431	— fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard")	2 241
	F432	— fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk	2 580
	F433	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda	2 537
	F434	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda	2 737
	F435	— fi blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	2 901
5. Pollakkju tal-Alaska *(Theragra chalcogramma)*			
		Fi fletti:	
ex 0304 29 85	F441	— fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard")	1 170
	F442	— fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk	1 311
6. Aringi *(Clupea harengus, Clupea pallasii)*			
		Ġnub tal-aringi	
ex 0304 19 97	F450	— ta' aktar minn 80 g l-biċċa	510
ex 0304 99 23	F450	— ta' aktar minn 80 g l-biċċa	464